Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2011

dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, rigward l-Artikoli 10 u 11 tiegħu

(2012/23/UE)

(ĠU L 8, 12.1.2012, p. 13)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2011

dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, rigward l-Artikoli 10 u 11 tiegħu

(2012/23/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(1) u l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 81(2), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 (il-"Protokoll ta' Ateni") jirrappreżenta titjib kbir fis-sistema marbuta mar-responsabbiltà tat-trasportaturi u l-kumpens tal-passiġġieri li jinġarru bil-baħar.

(2) Il-Protokoll ta' Ateni jimmodifika l-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 u fl-Artikolu 15 jistabbilixxi li ż-żewġ strumenti għandhom jinqraw u jiġu interpretati flimkien bħala strument wieħed u uniku bejn il-Partijiet tal-Protokoll ta' Ateni.

(3) L-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll ta' Ateni jaffettwaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [1]. B'hekk, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll ta' Ateni.

(4) Mal-adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll ta' Ateni, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni stipulati fl-Artikolu 10 tiegħu għandhom jieħdu preċedenza fuq ir-regoli rilevanti tal-Unjoni.

(5) Madankollu, ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Protokoll ta' Ateni m'għandhomx jieħdu preċedenza la fuq ir-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea, kif estiżi għad-Danimarka skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [2], la fuq ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tas-16 ta' Settembru 1988 [3], u lanqas tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u

[1] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.
[3] ĠU L 319, 25.11.1988, p. 9.

▼B

l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tat-30 ta' Ottubru 2007 ([1]), minħabba li l-effett tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli huwa li jiżgura li s-sentenzi jkunu rikonoxxuti u nfurzati tal-anqas fuq l-istess livell bħal dawk applikati taħt ir-regoli tal-Protokoll ta' Ateni.

(6) Il-Protokoll ta' Ateni huwa miftuħ għar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni mill-Istati u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li huma kostitwiti minn Stati sovrani li ttrasferew il-kompetenza f'ċerti materji rregolati mill-Protokoll ta' Ateni lil dawk l-Organizzazzjonijiet.

(7) Skont l-Artikolu 17(2)(b) u l-Artikolu 19 tal-Protokoll ta' Ateni, l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jistgħu jikkonkludu l-Protokoll ta' Ateni.

(8) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, li għalihom japplika l-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ser jintrabtu bħala parti mill-Unjoni Ewropea mill-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll ta' Ateni.

(9) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha fir-rigward fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll ta' Ateni. Hija ser tintrabat biss b'dawn l-Artikoli bħala Parti Kontraenti separata.

(10) Il-maġġoranza tar-regoli tal-Protokoll ta' Ateni ġew inkorporati fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti ([2]). Għalhekk, l-Unjoni eżerċitat kompetenza fir-rigward tal-materji rregolati minn dak ir-Regolament. Deċiżjoni separata li tirrigwarda dawk id-dispożizzjonijiet ser tiġi adottata b'mod parallel għal din id-Deċiżjoni.

(11) L-Istati Membri li għandhom jirratifikaw jew jaderixxu għall-Protokoll ta' Ateni għandhom, jekk possibbli, jagħmlu hekk simultanjament. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jikkondividu informazzjoni dwar l-istat tal-proċeduri ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom sabiex jippreparaw safejn possibbli għad-depożitu simultanju tal-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom. Meta jkunu qegħdin jirratifikaw jew jaderixxu għall-Protokoll ta' Ateni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riserva msemmija fil-Linji Gwida tal-IMO,

([1]) ĠU L 339, 21.12.2007, p. 3.
([2]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24.

▼B

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, (il-"Protokoll ta' Ateni") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu.

It-test ta' dawn l-Artikoli huwa riprodott fl-Anness.

Artikolu 2

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiddepożitaw l-istrument ta' adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll ta' Ateni fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu skont l-Artikoli 17(2)(c), 17(3) u 19 ta' dak il-Protokoll.

2. Fil-mument meta jiġi ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni, l-Unjoni għandha tagħmel id-dikjarazzjoni ta' kompetenza li ġejja:

"Fir-rigward ta' materji koperti bl-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll ta' Ateni tal-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, li jaqgħu taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka, skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ikkonferixxew il-kompetenzi lill-Unjoni. L-Unjoni eżerċitat din il-kompetenza billi adottattat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali.".

3. Fil-mument li jiġi ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni, l-Unjoni ser tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja skont l-Artikolu 17(a)(3) tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, kif emendata bl-Artikolu 11 tal-Protokoll ta' Ateni:

▼M1

"1. Sentenzi dwar materji koperti mill-Protokoll ta' Ateni tal-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, meta jkunu mogħtija minn qorti tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar is-suġġett.

▼B

2. Sentenzi dwar materji koperti mill-Protokoll ta' Ateni, meta jkunu mogħtija minn qorti tar-Renju tad-Danimarka, għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali.

3. Sentenzi dwar materji koperti mill-Protokoll ta' Ateni, meta jkunu mogħtija minn qorti ta' Stat terz

(a) marbut bil-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tat-30 ta' Ottubru 2007 għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont dik il-Konvenzjoni;

(b) marbut bil-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tas-16 ta' Settembru 1988 għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont dik il-Konvenzjoni.".

4. Il-persuna jew il-persuni maħtura taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jagħmlu r-riserva msemmija fil-Linji Gwida tal-IMO meta jiddepożitaw l-istrument ta' adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll ta' Ateni rigward l-Artikoli 10 u 11 tiegħu.

Artikolu 3

L-Unjoni għandha tiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tagħha għall-Protokoll ta' Ateni rigward l-Artikoli 10 u 11 tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika ta', jew tal-adeżjoni għall-Protokoll ta' Ateni fi żmien raġonevoli u, jekk possibbli, sal-31 ta' Diċembru 2011.

▼B

ANNESS

ARTIKOLI 10 U 11 TAL-PROTOKOLL TAL-2002 GĦALL-KONVENZJONI TA' ATENI DWAR IL-ĠARR BIL-BAĦAR TA' PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI TAGĦHOM, 1974

Artikolu 10

L-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"Artikolu 17

Ġurisdizzjoni kompetenti

1 Azzjoni li tinqala' taħt Artikoli 3 u 4 ta' din il-Konvenzjoni għandha, fuq l-għażla tar-rikorrent, titressaq quddiem waħda mill-qrati msemmija hawn taħt, dejjem jekk il-qorti tinsab fi Stat Parti ta' din il-Konvenzjoni, u esposta għal-liġi domestika ta' kull Stat Parti li tirregola l-post korrett f'dawk l-Istati b'ħafna forums possibbli:

(a) il-qorti tal-Istat tar-residenza permanenti jew post prinċipali tan-negozju tad-difensur, jew

(b) il-qorti tal-Istat tat-tluq jew dak tad-destinazzjoni skont il-kuntratt tal-ġarr, jew

(c) il-qorti tal-Istat tar-residenza domiċili jew permanenti tar-rikorrent, jekk id-difensur għandu post tan-negozju u hu soġġett għal ġurisdizzjoni f'dak l-Istat, jew

(d) il-qorti tal-Istat fejn sar il-kuntratt tal-ġarr, jekk id-difensur għandu post tan-negozju u hu soġġett għal ġurisdizzjoni f'dak l-Istat.

2 Azzjonijiet taħt l-Artikolu 4bis ta' din il-Konvenzjoni għandhom, fuq għażla tar-rikorrent, jitressqu quddiem waħda mill-qrati fejn azzjoni tista' tittieħed kontra min iġorr jew min jagħmel l-att tal-ġarr skont paragrafu 1.

3 Wara li jseħħ l-inċident li kkawża l-ħsara, il-partijiet jistgħu jaqblu li t-talba għall-ħsarat għandha tiġi ppreżentata lil kwalunkwe ġurisdizzjoni jew arbitraġġ.".

Artikolu 11

It-test li ġej huwa jinżied bħala l-Artikolu 17bis tal-Konvenzjoni:

*"Artikolu 17*bis

Rikonoxximent u infurzar

1 Kull sentenza mogħtija minn qorti bil-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 17 li tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġni fejn ma tkunx aktar soġġetta għal forom komuni ta' reviżjoni, għandha tkun rikonoxxuta f'kull Stat Parti, ħlief

(a) fejn is-sentenza nkisbet bi frodi; jew

(b) meta d-difensur ma ngħatax avviż fi żmien raġonevoli u opportunità ġusta biex jippreżenta l-każ tiegħu.

▼B

2 Sentenza rikonoxxuta taħt paragrafu 1 għandha tiġi infurzata f'kull Stat Parti hekk kif jintlaħqu l-formalitajiet meħtieġa f'dak l-Istat. Il-formalitajiet m'għandhomx jagħtu lok biex jerġgħu jinfetħu l-merti tal-każ.

3 Stat Parti għal dan il-Protokoll jista' japplika regoli oħra għall-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi, dejjem jekk l-effett tagħhom hu li jiġi żgurat li s-sentenzi huma rikonoxxuti u infurzati tal-inqas fl-istess livell bħal f'paragrafi 1 u 2.".